MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Numru 1083/2009

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

Eric Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 358572M, akkuzat talli:

1. nhar it-8 ta’ Awissu 2009 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ fil-ghaxija gewwa l-bajja ta’ Bugibba, waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna feriti ta’ natura

gravi fuq il-persuna ta’ Mauro Zammit skond kif iccertifika Dr. Jeffrey Bonnici M.D. mill-Isptar Mater Dei.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mary Galea skond kif iccertifikat Dr. Bartolo Modjayeva M.D. mill-Isptar Mater Dei.

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Dorianne Micallef skond kif iccertifika Dr. R. Busutill M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Mario Borg skond kif iccertifika Dr. R. Busutill M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Paul Galea skond kif iccertifika Dr. P. Bonanno M.D. mill-Isptar Mater Dei.

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq id-daghjsa bin-numru ta’ registrazzjoni MFC6682 ghad-dannu ta’ Robert Micallef u jew persuni ohra.

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta’ Petita ta’ l-ghamla Mercury saq l-imsemmi bastiment zghir li jahdem bil-

mutur b'velocita' ta' izjed minn ghaxar mili nawtici f'xi post il-gewwa minn 200 metru l-boghod min xi parti tax-xtajta.
8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq id-daghjsa bl-isem ta' Petita ta' l-ghamla Mercury saq l-imsemmi bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx kien ta' perikolu ghal hajja jew seta' kkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex titratta lill-hati bhala recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li illum saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja nawtika ghal dak iz-zmien, skond il-ligi li jidhirla xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma segwitu ta' habta bid-daghjsa tieghu ma' daghjsa stazjonarja qrib ix-xatt tal-Qawra. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jispjega d-dinamika tal-habta u f'dan jidher li l-verzjoni tieghu hija verosimili u kredibbli.

Intant l-imputat hu akkuzat li kkaguna feriti gravi fuq tnejn mill-passigiera li kellu fuq id-daghjsa u feriti ta' natura hafifa fuq l-erba' passigieri l-ohra. Hemm apparti l-akkuza tar-recidiva u zewg offizi ta' natura marittima.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu, issibu hati tar-reati migjuba kontra tieghu.

Ghal dak li jittratta l-feriti gravi fil-konfront ta’ Mary Galea, l-Qorti tirrijavviza mic-certifikat mediku esebit li ma jinkwadrawx fl-ambitu tal-Artikolu 218 izda huma gravi ai termini tal-Artikolu 261. Fir-rigward ghall-feriti hfief m’hemmx il-kwerela.

Tiddeciedi konsegwentement li:

- issib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, ukoll tas-seba’ u t-tmien akkuza; tiddikjara, stante nuqqas ta’kwerela, procediment estint fir-rigward it-tielet, ir-raba u l-hames akkuza.
- Issibu hati wkoll li huwa recidiv fid-dawl tas-sentenzi esebiti in atti.

Rat l-Artikolu 226(a)(b), 328(b)(c), 49, 50 u 17(b)(h) tal-Kap 9 u r-regolament 25 u 26 tal-Avviz Legali 183/2008 u tiddeciedi wara li rat l-istqarrija tieghu li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghal tlett snin mill-lum sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor fl-imsemmi perjodu u jhallas €500 multa.

Spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------